A.L. 23 ta' l-1997

ATT TA' L-1991 BIEX IĦARES L-AMBJENT (ATT NRU. V TA' L-1991)

Regolamenti ta' l-1997 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' l-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 6, 32, 33 u 48 ta' l-Att ta' l-1991 biex Iħares l-Ambjent, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u ta' l-Ambjent bi ftehim mal-Prim Ministru, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu ir-Regolamenti ta' l-1997 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' l-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ, u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Ħarsien ta' l-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 146 ta' l-1993.

Jissostitwixxi r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti sakemm ir-rabta ta' kliem ma jkollhiex tifsira oħra:—

"Att" tfisser l-Att ta' l-1991 biex Iħares l-Ambjent;

"ċomb" tfisser ċomb, azzar, jew/u kull materjal ta' kwalunkwe forma u daqs li bih ikun mimli skartoċċ, imma ma jinkludix porvli;

"ċurkett magħluq (*close ringed*)" tfisser ċurkett shih li ma jkollux qata' jew qtugħ u li ma jkunx jista' jitlibbes fis-

sieq ta' għasfur ħlief meta dan ikun ta' ftit ġranet, liema ċurkett ikun approvat mid-Direttur;

"Dipartiment" tfisser id-Dipartiment għall-Ħarsien ta' l-Ambjent taħt it-tmexxija tad-Direttur hekk kif imfisser f'dan ir-regolament;

"Direttur" tfisser id-Direttur għall-Ħarsien ta' l-Ambjent bħala dak l-uffiċċjal li jiġi delegat skond il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att biex ikun responsabbli għall-ħarsien ta' l-ambjent, u delegat għall-kontroll, direzzjoni u amministrazzjoni tad-Dipartiment għall-Ħarsien ta' l-Ambjent, u tinkludi kull uffiċjal fid-Dipartiment tiegħu li jaġixxi f'ismu, u għall-finijiet ta' kull regolament magħmul bis-saħħa ta' dan l-Att, l-espressjoni "Direttur responsabbli għall-ambjent" jew kull espressjoni oħra bħala, u l-espressjoni "Uffiċjal responsabbli għall-ħarsien ta' l-ambjent" fl-Att, jitqiesu li għandhom l-istess tifsira bħal Direttur f'dawn ir-regolamenti;

A.L. 144 ta' l-1993.

"għasfur" u "għasafar" tfisser kull għasfur iddikjarat protett bir-regolamenti ta' l-1993 dwar l-Għasafar u l-Fenek Selvaġġ (Dikjarazzjoni ta' Speċi Protetti u Riservi Naturali);

"għasfur imrobbi fil-maqful" tfisser għasfur li twieled u trabba' minn ġenituri taħt il-kontroll tal-bniedem u li jkollu f'siequ ċurkett magħluq;

"kaċċa" u "tikkaċċja" tfisser tispara jew sparar b'arma tan-nar jew arma oħra ta' kull tip;

"kaċċa minn fuq il-baħar" tfisser kaċċa għall-għasafar minn fuq opri tal-baħar;

"Kummissarju" tfisser il-Kummissarju tal-Pulizija;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-ambjent;

"post abitat" tfisser kull area fejn hemm ġabra ta' djar abitati jew li tkun tista' tiġi abitata minn aktar minn mitt ruħ;

"riservi naturali" għall-fini ta' dawn ir-regolamenti huma dawk il-postijiet li jidhru fl-Iskeda li tinsab mar-Regolamenti ta' l-1993 dwar l-Għasafar u l-Fenek Selvaġġ (Dikjarazzjoni ta' Speċi Protetti u Riservi Naturali);

"staġun magħluq" tfisser —

(a) dwar il-kaċċa ta' l-għasafar mhux minn fuq il-baħar:

(i) f'kull żmien bejn l-1 ta' Frar u l-24 ta' Marzu ta' kull sena; u

(ii) f'kull żmien bejn it-23 ta' Mejju u l-31 ta' Awissu ta' kull sena; u

(iii) barra mill-perijodu msemmi fis-subparagrafi (i) u (ii) ta' qabel dan u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 15 ta' dawn ir-regolamenti, kull nhar ta' Ħadd u kull btala pubblika mis-siegħa ta' wara nofsinhar (1 p.m.) 'l quddiem.

(b) dwar it-teħid ta' l-għasafar mhux minn fuq il-baħar:

(i) f'kull żmien bejn l-1 ta' Frar sa l-aħħar ġurnata ta' Frar ta' kull sena; u

(ii) f'kull żmien bejn it-23 ta' Mejju u l-31 ta' Awissu ta' kull sena;

(ċ) dwar it-teħid u l-kaċċa ta' l-għasafar minn fuq il-baħar, f'kull żmien bejn l-1 ta' Marzu u t-30 ta' Settembru ta' kull sena;

(d) dwar it-teħid u l-kaċċa tal-fenek selvaġġ:

(i) bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Mejju ta' kull sena; u

(ii) barra mill-perijodu msemmi fis-subparagrafu (i) ta' qabel dan u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 15 ta' dawn ir-regolamenti, kull nhar ta' Ħadd u kull btala pubblika mis-siegħa ta' wara nofsinhar (1 p.m.) 'l quddiem;

"tieħu" tinkludi tonsob, iżda ma tinkludix il-kaċċa b'arma tan-nar jew b'kull arma oħra;

"tieħu minn fuq il-baħar" tfisser it-teħid ta' għasafar minn fuq opri tal-baħar.".

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

3. Minflok il-paragrafu (1) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:—

"(1) Ebda persuna ma għandha:

(a) matul l-istaġun magħluq għall-kaċċa ta' l-għasafar mhux minn fuq il-baħar, tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja għal xi għasfur, jew iġġorr munizzjon jew arma tan-nar barra mill-għata tagħha;

(b) barra mill-istaġun magħluq għall-kaċċa ta' l-għasafar mhux minn fuq il-baħar, tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja għal xi għasfur jekk ma jkunx għasfur li mhux imsemmi fl-Iskeda I li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

(ċ) matul kull staġun magħluq għat-teħid ta' l-għasafar mhux minn fuq il-baħar, tieħu jew tipprova tieħu xi għasfur;

(d) barra mill-istaġun magħluq għat-teħid ta' l-għasafar mhux minn fuq il-baħar, tieħu jew tipprova tieħu xi għasfur mhux imsemmi fl-Iskedi I u II li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti;

(e) matul l-istaġun magħluq għat-teħid u l-kaċċa tal-fenek selvaġġ, tieħu jew tipprova tieħu, bi kwalunkwe mezz, tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja għall-fenek selvaġġ:

Iżda fl-istaġun miftuħ għat-teħid tal-fenek selvaġġ, il-Kummissarju jista' joħroġ liċenza għall-kaċċa lil wieħed li japplika u li jkollu karta ta' reġistrazzjoni li turi li hu bidwi sabiex dan ikun jista' jagħmel il-kaċċa tal-fenek selvaġġ fuq ir-raba' tiegħu stess, b'dan illi persuna li jkollha karta ta' reġistrazzjoni ta' bidwi tista' tgħaddi lil persuna oħra li tapplika, id-dritt tagħha li tagħmel il-kaċċa tal-fenek selvaġġ fuq ir-raba' tagħha;

(f) matul l-istaġun magħluq għat-teħid u l-kaċċa ta' l-għasafar minn fuq il-baħar, tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, tieħu jew tipprova tieħu, xi għasfur, jew iġġorr waqt li tkun qiegħda fuq il-baħar (ħlief meta tkun qed taqsam bejn Malta u Għawdex permezz tat-trasport pubbliku) munizzjon jew arma tan-nar li jkollha liċenza għall-kaċċa.".

Jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fir-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali, il-paragrafu (5) tiegħu għandu jitħassar.

Jemenda r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.

5. Fil-paragrafu (1) tar-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "jew li kien imrobbi fil-maqful." għandhom jidħlu l-kliem "jew li kien imrobbi fil-maqful jew li kien reġistrat mad-Dipartiment skond il-paragrafu (5) tar-regolament 17 ta' dawn ir-regolamenti. Min għandu fil-pussess tiegħu speċi ta' għasafar protetti hajjin, irid jirrapporthom lid-Dipartiment sa xahar mill-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, biex dawn jinħelsu.".

Jemenda r-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali.

6. Ir-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) minflok il-paragrafu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:—

"(1) Ebda persuna ma tista' tibbalzma jew timmonta xi għasfur jew tagħmilha ta' balzmatur, kemm għal skopijiet kummerċjali kemm għal skopijiet personali, jew ikollha fil-pussess tagħha għodda, kimika jew apparat ieħor li jintuża jew li soltu jintuża għall-ibbalzmar, mingħajr il-liċenza tal-Kummissarju."; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (4) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:—

"(5) Kull min għandu xi għasfur jew għasafar ibbalzmati li l-ispeċi tagħhom ma tidhirx fl-iskedi I, II jew III, li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti, għandu fi żmien sena mill-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti jiddikjarhom lid-Dipartiment u jingħata permess mill-istess Dipartiment biex iżommhom.

(6) Ebda persuna ma jista' jkollha xi għasfur jew għasafar ibbalzmati jekk l-ispeċi tagħhom ma tidhirx fl-Iskeda I, II jew III li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti u jekk dawn ma jkunux ġew reġistrati mad-Dipartiment fiż-żmien stipulat fil-paragrafu (5) tar-regolament 17 ta' dawn ir-regolamenti.".

Jemenda l-Iskeda I li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

7. Minflok it-titlu li hemm fl-Iskeda I li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Għasafar li jistgħu jiġu kkaċċjati u potenzjalment minsuba minn fuq l-art".